# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 2 ta’ Lulju 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 167/12TA**

**Ta’ Sardinia Company Limited (C-6974)**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita` tal-Artijiet, Kunsill Lokali Tarxien, Transport Malta illum Awtorita` għat-Trasport f’Malta, Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, u b’digriet tad-29 ta’ Marzu 2017 ġie kjamat fil-kawża l-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Sardinia Company Limited (is-Soċjeta Attriċi) presentat fis-7 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> “Peress illi s-soċjeta’ rikorrenti hija l-proprjetarja ta’ porzjoni diviża ta’ art tal-kejl superfiċjali ta’ ċirka ħames mija tlieta u għoxrin metri kwadri (523 metri kwadri, fi Triq George Caruana kantuniera ma’ Triq N. Caruana Dingli, Tarxien (Dokument ‘A’), formanti parti minn art akbar konsistenti f’għalqa, b’razzett magħha, denominata ‘Ta’ Sardina’ sive ‘Tal-Borg’ tal-kejl ta’ ċirka tminet elef u disa’ mitt metru kwadru illi s-soċjeta’ rikorrenti

xtrat u akkwistat b'kuntratt tas-27 ta' Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona (Dokument 'B');

Peress illi l-imsemmija porzjoni diviża ta' art ittieħdet u ntużat mill-Gvern għall-skopijiet pubbliċi, stante illi sar ġnien pubbliku fuq din l-istess art, illum magħruf bl-isem ta' Ġnien Mark Farrugia, oltre illi nfetħu partijiet mit-toroq li jiċċirkondaw l-istess imsemmi ġnien u ingħaddew servizzi ta' katusi tal-ilma dana kollu fuq u taħt l-istess art hawn fuq deskritta u appartenenti lis-soċjeta' rikorrenti;

Peress illi l-imsemmi teħid u użu tal-proprjeta' hawn fuq deskritta sar mill-konvenuti, jew minn min minnhom, mingħajr qatt ma nħarġet l-ebda dikjarazzjoni tal-President ta' Malta għall-esproprjazzjoni ta' l-istess art, mingħajr ma ġie ppubblikat ebda avviż fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-akkwist tal-Artijiet għall-Skopijiet Pubbliċi [Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta], mingħajr ma qatt ġiet segwita l-proċedura neċessarja skont l-istess imsemmija Ordinanza, u mingħajr ma qatt sar trasferiment ta' titolu tal-istess art a favur il-Gvern u/jew il-konvenuti, jew min minnhom.

Peress illi, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, l-istess art għadha sallum proprjeta' esklussiva tas-soċjeta' rikorrenti, għalkemm il-konvenuti, jew min minnhom, għadhom qed jokkupa l-art hawn fuq deskritta abbużivament u mingħajr ebda titolu legali.

Peress illi s-soċjeta' rikorrenti għalhekk, fil-vesti tagħha ta' proprjetarja assoluta tal-istess art hawn fuq deskritta, ġiet imċaħħda mill-pussess u l-użu tal-istess art bħal sid tal-istess art, u konsegwentement għandha l-jedd li titlob lura l-istess art mingħand il-konvenuti, jew minn min minnhom, bħala l-pussessuri attwali tal-istess porzjoni ta' art hawn fuq deskritta.

Peress illi għalkemm debitament interpellati b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2011, fejn il-konvenuti ġew interpellati sabiex jerġgħu jqiegħdu lis-soċjeta' rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta' tagħha u li jersqu, fl-istess żmien u waqt, għal-likwidazzjoni u ħlas sew tad-danni kaġunati bl-aġir illegali tal-istess konvenuti, u sew tal-kumpens dovut għall-okkupazzjoni tal-istess prozjoni diviża ta' art mill-istess konvenuti tul id-diversi snin li għaddew, il-konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Tgħid għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ħadu pussess tal-art hawn fuq deskritta illegalment u abbużivament mingħajr ebda titolu jew dritt fil-liġi biex jagħmlu dan u għadhom sallum jokkupaw l-istess art illegalment u abbużivament;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti għall-

istess skop, jerġghu iqiegħdu l-istess art fl-istat oriġinali tagħha u li jiżgombraw mill-imsemmija porzjoni diviża ta' art b'mod illi jirrintegraw lis-soċjeta' rikorrenti fl-pussess esklussiv tal-istess proprjeta' hawn fuq deskritta;

3. Tiddeċiedi u ttiddikjara illi in vista tas-suspost, il-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti kaġunati mill-aġir illegali u abbużiv tal-istess konvenuti, jew ta' min minnhom, u kif ukoll għall-kumpens ġust u adegwat dovut għall-okkupazzjoni u użu tal-istess porzjoni diviża ta' art mill-istess konvenuti, jew minn minnhom, tul id-diversi snin illi l-istess art baqgħet fil-pussess tal-konvenuti jew ta' min minnhom;

4. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi sew id-danni sofferti minn u sew il-kumpens dovut lis-soċjeta' rikorrenti għar-raġunijiet suesposti;

5. Tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom li jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija danni u kumpens hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2011 u bl-imgħax dekorribbli fuq is-somma ta' danni u kumpens likwidati b'effett mid-data illi fiha l-konvenut, jew min minnhom, ħadu l-pussess abużiv tal-proprjeta' in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tal-konvenuti, jew ta' min minnhom, skont il-liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' L-Awtorita' Għat-Transport f'Malta ġja' Transport Malta (l-Awtorita' konvenuta tat-Trasport) tas-27 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. Illi in linea preliminari skond il-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' konvenuta huwa Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Għaldaqstant għall-korrettezza u għal kull buon fini, għandha ssir id-debita korrezzjoni.

2. Illi in linea preliminari l-Awtorita' konvenuta m'għandha ebda konnessjoni ma dak li qed tgħid is-soċjeta' attriċi u għalhekk mhiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tas-soċjeta' attriċi kontra l-Awtorita' konvenuta huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u

għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez u dana kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi sussidjarment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attrċi għandha tipprova liema hija l-art mertu tal-kawża odjerna u kif ukoll it-titlu tagħha fuq dina l-istess art.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex assolutament ċar mid-dokumenti esebiti, kif il-parti tal-proprjeta' li s-soċjeta' attriċi qed tgħid li hija tagħha permezz tal-pjanti esebiti fid-Dokument B u notifikata lill-Awtorita' konvenuta flimkien mar-rikors promotur jikkombaċaw mas-*survey* esebit mis-soċjeta' attriċi a Dokument A u notifikat lill-Awtorita' konvenuta flimkien mar-rikors promotur.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Awtorita' konvenuta ma għamlet ebda att abbusiv u illegali kif allegat mis-soċjeta' attriċi.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' konvenuta mhiex responsabbli għall-ebda kumpens u għal ebda danni u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-istess soċjeta' attriċi għandha timminimizza d-danni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien (il-Kunsill Konvenut) tat-28 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

2. Illi fil-mertu l-konvenut m'għandu l-ebda pussess tal-art mertu tat-talbiet attriċi għaliex qatt ma kien hemm devoluzzjoni ta' din l-art mill-gvern ċentrali lill-Kunsill Lokali Tarxien;

U għalhekk it-talbiet għandhom ikunu miċħuda.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (il-Korporazzjoni konvenuta) tat-2 ta' April 2012 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

“1. Illi l-korporazzjoni eċċipjenti mhix il-leġittimu kontradtiurru f’din il-kawża stante li mhix il-persuna responsabli għall-esproprijazzjoni *de quo*;

2. Illi, jekk l-istess korporazzjoni eċċipjenti għandha xi katusi u/jew pajpijiet mgħoddijin fuq jew taħt l-istess art indikata fir-rikors, dawn ġew mgħoddijin mill-Gvern skond l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta’ l-Ilma (XXIII/1991, illum Kap. 355) u ilhom hemm żmien twil;

3. Illi, għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront ta’ l-istess korporazzjoni eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, u l-istess korporazzjoni għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta’ attriċi;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita’ tal-Artijiet gja’ Kummissarju tal-Artijiet (l-Awtorita’ konvenuta tal-Artijiet) tat-8 ta’ Ġunju 2012 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

“Illi in via preliminari jiġi eċċepit illi l-Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex leġittimu kontradittur f’din il-kawża u dan stante li ma kienx hu li ddeċieda fejn sar isir dan il-proġett partikolari jew li wettaq ix-xogħlijiet li taw lok għar-rikors promotur;

Illi preliminarjament ukoll l-esponent jirrileva li hu qatt ma ġie ffaċċjat b’talba minn xi awtorita’ pubblika sabiex jesproprja l-art li saret referenza għaliha fir-rikors promotur;

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet m’huwiex l-awtorita’ kompetenti sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar fejn għandhom isiru proġetti pubbliċi jew minn fejn għandhom jgħaddu toroq ġodda fil-pajjiż, u kull meta jkun hemm il-ħtieġa li jsiru proġetti jew xogħlijiet ta’ din ix-xorta, hi l-awtorita’ li tkun trid tagħmel dawn ix-xogħljiet li tagħmel talba mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex iniedi l-proċedura tal-espoprju, u dan wara li l-flus li ser jitħallsu bħala kumpens għal dik l-art jiġu ddepożitati mill-awtorita’ li ser tagħmel ix-xogħlijiet f’kont bankarju;

Illi mir-rekords tad-Dipartiment jidher li fil-fatt veru li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali u l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern relevanti għadhom ma ħarġux u dan minħabba li qatt ma kien hemm talba sabiex jinbdew il-proċeduri relevanti għall-esproprju tal-art;

Illi sabiex l-esponent ikun jista’ jipproċedi tal-esproprju, mhux biss f’dan il-każ, iżda f’kull każ, irid l-ewwel ikollu talba biex jesproprja għal skop

pubbliku, u wara jkun infurmat bi provi dokumentarji min huma s-sidien tal-art in kwistjoni;

Illi la darba l-esponent ikollu konferma tat-titolu huwa joffri l-kumpens li jqis ġust għall-esproprjazzjoni u dawk li jkunu intitolati għall-kumpens ikunu jistgħu jew jaċċettaw il-kumpens jew jikkontestaw l-ammont bi proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat li b'digriet tad-29 ta' Marzu 2017 ġie kjamat fil-Kawża il-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Ministru imsemmi (l-Konvenut Ministru) tad-9 ta' Frar 2018 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi illi t-terminu sabiex tiġi ppreżentata risposta jibda jidekorri ġialadarba illi r-rikorrent joħroġ notifika fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent jirrileva illi l-Avukat Ġenerali ġie nnotifikat bid-digriet tas-27 ta' Marzu 2017 biss fit-22 ta' Jannar 2018. Għaldaqstant l-esponent umilment jirrileva illi huwa mhuwiex kontumaċja kif inkorrettament huwa indikat fil-verbal tal-kawża odjerna ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Mejju 2017;

2. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċepixxi illi dak li qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti, bid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 67 tal-Kap. 573 jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ bil-konsegwenza li dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex aktar ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-azzjoni odjerna u għalhekk l-azzjoni odjerna għandha tintbagħat minn dina l-Onorabbli Qorti quddiem l-imsemmi Bord tal-Arbitraġġ;

3. Illi in linea preliminari l-esponent jissottometti illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 181B (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

   Illi *di piu'* joħroġ ċar mill-qari tar-rikors ġuramentat illi l-esponent ma ħa l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrent, wisq anqas għamel xi ordni sabiex l-art mertu tal-kawża odjerna ittiehdet mir-rikorrent;

4. Illi fir-rigward tad-danni li qegħdin jippretendu r-rikorrenti, dawn huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

**Eċċezzjonijiet fil-Mertu**

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

2. Illi l-esponent jeċepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi għandha tipprova liema hija l-art mertu tal-kawża odjerna u kif ukoll it-titolu tagħha fuq dina l-istess art;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma għamel ebda att abbusiv u illegali kif allegat mis-soċjeta' attriċi;

5. Illi in kwantu t-talba għad-danni, l-esponent m'huwiex responsabbli għall-ebda kumpens u danni kif allegati fir-rikors ġuramentat in risposta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2019;

Rat is-Sentenza parzjali tagħha tal-20 ta' Jannar 2020;

Rat in-nota tal-Konvenuta Awtorita' li permezz tagħha eċċepiet ulterjorament is-segwenti: (vide a' fol 283)

"Il-karenza tal-interess guridiku tas-socjeta` attrici li tkompli b'din il-kawza kif intavolata u dan stante l-fatt li l-istess socjeta` attrici fil-mori ta' din il-kawza intavolat kawza ohra bl-ismijiet *Ta' Sardinia Company Limited vs L-Awtorita` tal-Artijiet Rik Nru 8/2018 FDP* fuq l-istess att ghal dak tal-kawza odjerna, u li jindika wkoll li s-socjeta` attrici qed tfittex rimedju legali iehor li huwa f'kunflitt dirett ma dak mitlub go din il-kawza. Jekk tigi deciza tezawrixxi l-mertu ta' din il-kawza."

Rat in-nota tal-Konvenuta Awtorita' Tat-Trasport li permezz eċċepiet ulterjorament ukoll in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-Soċjeta' Attriċi u dan kif jirriżulta mill-verbal tad-29 ta' Settembru 2020;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet involuti f'din l-eċċezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tas-Soċjeta' Attriċi li tkompli din il-kawża;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw l-eċċezzjoni imsemmija fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għal deċizjoni dwar l-eċċezzjoni fuq imsemmija.

**Punti ta' fatti**

Il-Kawża li għandha quddiemha din il-Qorti tittratta t-teħid tal-art mertu tal-kawża mill-Gvern ta' Malta għal skopijiet pubbliċi. Din l-art tappartjeni lis-Soċjeta' Attriċi. Din qed tikkontendi li t-teħid tagħha kien wieħed illegali u abbużiv mingħajr titolu jew dritt fil-liġi mill-Awtoritajiet konvenuti jew min minnhom u li għalhekk sal-lum jokkupaw l-istess art illegalment u abbużivament. Fil-mument li saret il-kawża din il-materja kienet prinċipalment regolata mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi u ċioe' Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Kawża saret fis-7 ta' Frar 2012. Dak in-nhar ma kien hemm ebda dubbju li din il-Qorti, fid-dawl tal-liġijiet viġenti f'dak iż-żmien, fost oħrajn l-Ordinanza fuq imsemmija, mhux biss kellha ġurisdizzjoni u kompetenza li tisma' u tiddeċiedi dwar il-mertu, u fuq dan il-punt diga' ingħatat sentenza parzjali f'din il-Kawza fl-20 ta' Jannar 2020, iżda huwa ukoll inkontestat, li sal-mument li kien għadu ma daħalx fis-seħħ il-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta, is-Soċjeta' Attriċi kellha ukoll kull interess ġuridiku skont il-liġi u tagħlim ġurisprudenzjali ta' dawn il-Qrati. Fil-mori tal-kawża l-Konvenuta Awtorita' li permezz tagħha eċċepiet ulterjorament is-segwenti: *Il-karenza tal-interess guridiku tas-socjeta` attrici li tkompli b'din il-kawza kif intavolata u dan stante l-fatt li l-istess socjeta` attrici fil-mori ta' din il-kawza intavolat kawza ohra bl-ismijiet Ta' Sardinia Company Limited vs L-Awtorita` tal-Artijiet Rik Nru 8/2018 FDP fuq l-istess att ghal dak tal-kawza odjerna, u li jindika wkoll li s-socjeta` attrici qed tfittex rimedju legali iehor li huwa f'kunflitt dirett ma dak mitlub go din il-kawza. Jekk tigi deciza tezawrixxi l-mertu ta' din il-kawza*. (vide a' fol 283). Din l-eċċezzjoni ulterjuri ingħatat ukoll mill-Konvenuta Awtorita' tat-Trasport u dan kif jirriżulta mill-verbal tad-29 ta' Settembru 2020.

**Punti legali**

L-argument tal-Konvenuti huwa wieħed sempliċi. Ġaladarba li s-Soċjeta' Attriċi għażlet li tistitwixxi proċduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet biex tottjeni rimedju taħt il-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta, b'talbiet pjuttost

identiċi għal dak li diġa' kienu pendenti quddiem il-Qrati ordinarji permezz ta' din il-kawża, din tilfet kull interess ġuridiku biex tkompli din il-kawża. Seta' kellha interess ġuridiku sakemm ma għamlitx il-proċeduri novelli. Anzi, uħud mill-konvenuti jargumentaw li dan jammonta għall-abbandun ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk din il-Qorti, l-ewwel ser titratta l-abbandun tal-proċeduri u wara l-punt tal-interess ġuridiku.

*L-abbandun*

Dan l-argument isostnuh l-Awtorita' tal-Artijiet, l-Awtorita' Tat-Trasport u kif ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien (a' fol 341 u 356).

Il-Qorti tiddistingwi bejn żewġ definizzjonijiet tal-kelma abbandun, f'sens wisgħa, kif bħal donnhom qed jikkontendu l-konvenuti, u dak tekniko legali meta kawża tkun abbandunata bil-konsegwenza li tiġi kkanċellata mill-Qorti fis-sitwazzjonijiet previsti mil-liġi. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li qalet il-**Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-Sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2020 per imħallef Grazio Mercieca fl-ismijiet Patrick Spiteri -vs- Avukat tal-Istat**. Dik il-Qorti qalet hekk: "*B'danakollu, dik l-istess kawża ġiet abbandunata mir-rikorrent. Għalhekk ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi biex tinstama' mill-ġdid għaliex irrikorrent stess irrinunzja definittivament għaliha".*(Emfażi tal-Qorti). Minn dan il-bran joħroġ ċar, li biex kawża f'sens legali titqies abbandunata irid ikun hemm att ċar univoku kif trid il-liġi bħal meta l-Attur

iċedi l-Kawża skont artikolu 906(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta fis-sens li jkun qed **jirrinunzja** għalihom.

Mod ieħor kif titqies li Kawża tkun abbandunata huwa meta tmur deżerta. L-Istitut tad-deżerzjoni tal-kawżi huwa regolat b'Titolu għalih. Dan l-Istitut jaħseb għall-mod partikolari kif kawża tintemm minħabba li tkun tqieset abbandunata minn min bdiha. L-effetti ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, fl-ewwel istanza, jkunu li l-kawża tintemm imma ma jintemmx magħha l-jedd li l-attur jibda proċeduri oħrajn ġodda dwar l-istess kwistjoni jekk kemm-il darba jkun għadu fiż-żmien li jagħmel dan. L-artikolu 963(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jaħseb għal dan kollu (Ara **Sentenza tal- P.A per Imħallef Joseph R. Micallef tas-7 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet Awtorita' Tad-Djar -vs- Anthony Abela**).

Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-asserzjoni ta' abbandun tal-kawża fis-sens kif trid il-liġi, il-Konvenuti ma għandhomx raġun.

<u>*Interess Ġuridiku*</u>

Bħal ma diġa' kellha okkażjoni tosserva din il-Qorti fis-Sentenza parzjali tagħha tal-20 ta' Jannar 2020 din il-liġi ma tipprovdix b'mod transitorju għall-Kawżi quddiem il-Qrati ordinarji li kienu pendenti qabel daħlet fis-seħħ. Fejn deherlu l-leġislatur provda espressament fir-rigward ix-xorta ta' kawżi pendenti.

Artiklu 78. (1) tal-Kap 573 provda li "*Proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu jkunu regolati bil-liġijiet sostantivi li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, sakemm is-sid ma jindikax permezz ta' nota bil-miktub imressqa fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ li huwa jixtieq li l-proċeduri jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.*" Din l-għażla ma ngħatatx lil dawk li kienu laħqu istitwew proċeduri bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti.

Il-prinċipju applikabbli f'każijiet bħal dawn, kemm-il darba trattat minn dawn il-Qrati, li liġi ġdida għandha tipprovdi in via transitorja għal-liġijiet li jkunu qegħdin jiġu abrogati jew emendati partikularment fil-kuntest tar-retroattivita' tal-liġijiet. F'dan ir-rigward jidher li huwa ġeneralment rikonoxxut mill-Qrati li r-regola li għandha tipprevali f'materja ta' retroattivita` ta' liġijiet hija dik pronunzjata minn din il-Qorti, fis-Sentenza tas-**26 ta' Frar 1954 fil-kawza fl-ismijiet Edgar Baldacchino et vs Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. noe et**. Hemm ġie ritenut li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem tagħha ma jkunx jippreskrivi retroattivita`, dik il-liġi ma għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Aktar minn hekk biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieg li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar, u għaldaqstant, fid-dubbju għandu jkun eskluż. Il-kunċett ta' retroattivita jsib ukoll applikazzjoni f'proċeduri ġja mibdija billi fil-każ u fir-rigward ta' proċedimenti pendenti l-liġi l-ġdida ma tistax ikollha effetti

retroattivi. Ir-retroattivita` għandha biss tkun applikata fir-rigward ta' Kawżi pendenti jekk din tkun espressament sancita` mil-liġi ġdida. (Ara Sentenzi: **Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1959 fl-ismijiet Joseph Caruana Curran noe -vs- Anthony Camilleri noe; Prim Awla tat-3 ta' Dicembru 1947 fl-ismijiet Dottor Filippo Nicolo Buttigieg et -vs- Maggur Gerard C. Gatt R.M.A; Prim Awla tas-26 ta' Frar 1954 fil-kawża fl-ismijiet Edgar Baldacchino et -vs- Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. noe**). Għalhekk fis-silenzju tal-liġi l-ġdida dwar l-aspett li qed ikun trattat b'din is-sentenza, hija din il-Qorti li trid tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Li kieku dik il-Liġi tat l-għażla lis-Soċjeta' Attriċi, li ngħataw lil dawk li diġa' kellhom talbiet quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ skont artikolu 78(1) u (2) tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta, kieku ġew evitati inkonvenjenzi żejda u bla bżonn, partikolarment għas-Soċjeta' Attriċi.

Il-Qorti qed tagħmel dawn l-osservazzjonijiet anke fid-dawl, li din il-problema qamet ħames snin wara li bdiet din il-Kawża biex is-Soċjeta' Attriċi tajjeb jew ħażżin spiċċat vittma tan-nuqqasijiet u karenzi fil-liġi. Biżżejjed jingħad li diġa' inħela ħafna ħin sabiex ingħatat is-sentenza parzjali fuq imsemmija b'konsegwenza ta' din il-karenza fil-liġi.

Il-konvenuti invokaw ukoll il-prinċipju *electa una via non datur recursus ad alteram.* Dan il-prinċipju huwa applikabbli meta jingħtażlu żewġ binarji ta' pretensjonijiet u/jew difiżi b'mod kontemporanju u kumulattivi fl-istess

ġudizzju. Dan il-prinċipju huwa applikat fil-każ fejn azzjoni tkun neboluża jew id-difiża tkun ekwivokanti.

Dan mhux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Huwa minnu li hemm żewġ proċeduri separati, anke jekk fuq l-istess mertu, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li ai fini ta' din il-massima hemm kontradittorjeta'. Aktar minn hekk, anke kieku stess dan il-prinċipju jiġi interpretat mod ieħor, biex jitqanqal, trid tkun tesisti l-possibilta' tax-xelta ta' azzjoni jew proċedura oħra, fil-mument meta tkun saret il-Kawża. Dawn il-proċeduri huma anteċedenti għal dawk li bdiet is-Soċjeta' Attriċi quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ taħt il-liġi l-ġdida.

Kwantu għal dak li jirrigwarda l-interess ġuridiku tas-Soċjeta' Attriċi f'dawn il-proċeduri dawn il-Qrati tagħna dejjem segwew fost oħrajn id-definizzjoni ta' Mattirolo u Mortara u ċioe' li l-interess irid ikun ġuridiku, cioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż tal-Atturi. (**Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VolI p.588**;). Di fatti Mattirolo jispjega li qabel xejn li "*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*"

Apparti dan biex wieħed jista' jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawża li jipproponi tkun tista tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih. L-interess ġuridiku jrid ikun ukoll reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-persuna u f'dan is-sens għalhekk jrid ukoll ikun personali. Fl-aħħar nett trid tivverifika ruħha r-rabta ġuridika bejn l-għemil abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament ikun sofriet mill-persuna li tipproponi l-Kawża konsegwenzjali għal dan l-għemil. (Ara fost oħrajn Sentenzi fl-ismijiet **Alexander Eminyan -vs- John Mousu' pro et nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429]; Qorti tal-Appell fl-ismijiet Maria Tabone et -vs- Joseph Schembri deċiża fit-30 ta' Jannar 2007 u kif ukoll dik fl-ismijiet Giulia Maria Millard -vs- George Said et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri [LXXII-III- 299]**).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-Kawża tenut kont li l-bidla li seħħet fil-liġi matul il-Kawża ma ġabithiex b'idejha s-Soċjeta' Attriċi. Li kieku dik il-bidla ħasbet għal kawżi bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, it-trajettorja tal-proċess li ħadet din il-Kawża ma kienitx tkun daqshekk penuża. L-anqas ma tlum lill-istess Soċjeta' li ressqet l-azzjoni tagħha quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ taħt il-liġi ġdida għax minn eżami tar-rimedji li toffri, il-Qorti ma teskludix li jistgħu ikunu aktar vantaġġjużi minn dawk li joffri l-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta fost oħrajn danni morali. Iżda

biex ikunu hekk vantaġġjużi jridu jirrikorru l-elementi kollha tal-artikolu 63 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta. Ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tidhol fil-mertu ta' jekk jirrikorrux l-elementi kollha għaliex dik hija materja li għad trid tiġi kkunsidrata mill-Bord ta' Arbitraġġ li ġie adit appositament sabiex jieħu konjizzjoni tal-materja. Imma din il-Qorti ma hiex konvinta, li bil-mod kif saret il-liġi, ta' bilfors li ser jingħataw ir-rimedji li altrimenti jingħataw dejjem minn dawn il-Qrati fit-termini tal-azzjoni ordinarja li qed tkun esperita f'din il-Kawża.

Il-Kawza li għandha quddiemha din il-Qorti hija tax-xorta possessorja u mhux xi azzjoni oħra rejali. Meta din il-Qorti qieset l-aspetti kollha taċ-ċirkostanzi xejn cari ta' dawk il-Kawzi li kienu pendenti qabel ma daħlet il-liġi l-ġdida, u tenut li dik il-liġi ma ħasbitx għalihom, tasal għall-konklużjoni, li s-Soċjeta' Attriċi għad għandha interess ġuridiku li tkompli b'din il-Kawża. Jekk din il-Kawża għandhiex tistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ hija kwistjoni oħra. Dan qed jingħad fid-dawl li quddiem din il-Qorti għad hemm pendenti rikors tas-Soċjeta' Attriċi f'dan is-sens.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi bil-mod segwenti:

Tiċħad l-eccezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-konvenuti fuq imsemmija.

Spejjes ta' din is-Sentenza parzjali a' karigu tal-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**